



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

10580/24

LIMITE

UD 110
CODEC 1402
ENFOCUSTOM 81
ECOFIN 623
MI 558
COMER 90
TRANS 265
FISC 124
IA 131

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0156(COD)

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Nota ta' Informazzjoni mill-Presidenza dwar attivitajiet leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Unjoni Doganali inkluż il-Proposta tal-Pakkett ta' Riforma tal-Unjoni Doganali

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness in-Nota ta' Informazzjoni tal-Presidenza dwar attivitajiet leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Unjoni Doganali inkluż il-Proposta tal-Pakkett ta' Riforma tal-Unjoni Doganali.

Huwa ssuġġerit li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jistieden lill-Kunsill biex jieħu nota tar-rapport tal-Presidenza li jinsab fl-Anness għal din in-nota, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss.

**NOTA TA' INFORMAZZJONI MILL-PRESIDENZA DWAR ATTIVITAJIET
LEĠIŻLATTIVI U MHUX LEĠIŻLATTIVI TAL-GRUPP TA' ĦIDMA DWAR L-UNJONI
DOGANALI INKLUŻ IL-PROPOSTA TAL-PAKKETT TA' RIFORMA TAL-UNJONI
DOGANALI**

Din in-nota ta' informazzjoni (rapport) tipprovdi ħarsa ġenerali lejn ix-xogħlijiet u l-eżiti li jikkonċernaw il-ħidma leġiżlattiva u mhux leġiżlattiva tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Unjoni Doganali matul il-mandat tal-Presidenza Belġjana, inkluż il-progress miksub rigward il-Proposta tal-Pakkett ta' Riforma tal-Unjoni Doganali.

I. Eżiti tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Unjoni Doganali dwar proposti leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi

L-għan tal-Presidenza Belġjana kien li tikkonkludi b'suċċess it-trilogu dwar ir-riformulazzjoni tar-Regolament dwar l-Armi tan-Nar. Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew laħqu ftehim proviżorju fl-14 ta' Marzu 2024 fi Strasburgu, dwar regoli aġġornati tal-UE dwar l-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-tranżitu tal-armi tan-nar minn u lejn l-UE. Il-ftehim proviżorju ġie kkonfermat mill-Coreper fit-18 ta' Marzu 2024 u adottat mill-Parlament Ewropew fit-23 ta' April 2024.

Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Unjoni Doganali kkoordinat għadd kbir ta' pożizzjonijiet li għandhom jittieħdu fl-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (WCO) abbażi tal-Artikolu 3, (1)1 u l-Artikolu 2, (2) TFUE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fi ħdan l-Organizzazzjoni Dinjija Doganali fir-rigward tas-sistema armonizzata u ħa deċiżjonijiet abbażi tal-Artikolu 218(9) TFUE bil-ħsieb li tiġi ddeterminata l-pożizzjoni tal-UE fil-kumitati u s-sottokumitati responsabbli għal kwistjonijiet doganali f'diversi ftehimiet internazzjonali.

Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Unjoni Doganali eżamina l-proposta u qabel dwar id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjonijiet li għandhom jittieħdu f'isem l-Unjoni Ewropea fit-tielet sessjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll biex jiġi Eliminat il-Kummerċ Illeċitu tal-Prodotti tat-Tabakk. Din id-Deċiżjoni ġiet adottata mill-Kunsill fid-29 ta' Jannar 2024 (punt A).

Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Unjoni Doganali eżamina l-proposta u qabel dwar id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fis-67 sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi rigward iż-żieda fil-lista tas-sustanzi fit-Tabella I tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Traffiku Illeċitu ta' Drogi Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi. Id-deċiżjoni finali ġiet adottata mill-Kunsill fit-12 ta' Marzu 2024 (punt A).

Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Unjoni Doganali eżamina l-proposta u qabel dwar l-Att Delegat li jemenda r-Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 111/2005 fir-rigward tal-inklużjoni ta' ċerti prekursori tad-droga fil-lista ta' sustanzi skedati. Dan l-Att Delegat ġiet adottata mill-Kunsill fit-12 ta' April 2024 (punt A).

Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Unjoni Doganali eżamina l-proposta u qabel dwar id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' emenda tal-Protokoll 4 għal dak il-Ftehim dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva. Din id-Deċiżjoni ġiet adottata mill-Kunsill fid-29 ta' April 2024 (punt A).

Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Unjoni Doganali eżamina l-proposta u qabel dwar ir-Regolament tal-Kunsill li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ċerti prodotti tal-qamħ). Dan ir-Regolament ġie adottat mill-Kunsill fit-30 ta' Mejju 2024 (punt A).

Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Unjoni Doganali eżamina wkoll il-proposta u adotta l-aġġornament biannwali tar-Regolament tal-Kunsill li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1388/2013 u r-Regolament tal-Kunsill li jissospendi d-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni msemmija fl-Artikolu 56(2)(c), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 fuq ċerti prodotti agrikoli u industrijali u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1387/2013. Dawn ir-Regolamenti ser jiġu ppreżentati għall-adozzjoni mill-Kunsill fil-25 ta' Ġunju 2024 (punt A).

II. Eżiti tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Unjoni Doganali dwar il-Proposta tal-Pakkett ta' Riforma tal-Unjoni Doganali

1. Introduzzjoni

Fir-rigward tal-Proposta tal-Pakkett ta' Riforma tal-Unjoni Doganali, ta' min ifakkar li fis-17 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni ressqet proposti għall-aktar riforma komprensiva tal-Unjoni Doganali tal-UE sa mit-twaqqif tagħha fl-1968.

Il-Kummissjoni ppreżentat Pakkett għar-Riforma Doganali li fih il-proposti li ġejjin:

- Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u l-Awtorità Doganali tal-Unjoni Ewropea, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 (dok. ST 9596/23 + ADD1 + ADD2 + ADD3 + ADD4).

- Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 fir-rigward tal-introduzzjoni ta' trattament tariffarju simplifikat għall-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija u r-Regolament (KE) Nru 1186/2009 fir-rigward tal-eliminazzjoni tal-limitu ta' eżenzjoni mid-dazju doganali (dok. ST 9625/23 + ADD1).
- Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tar-regoli tal-VAT relatati ma' persuni taxxabbli li jiffaċilitaw il-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata u l-applikazzjoni tal-iskema speċjali għall-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata minn territorji terzi jew minn pajjiżi terzi u arranġamenti speċjali għad-dikjarazzjoni u l-ħlas tal-VAT fuq l-importazzjoni (dok. ST 9638/23).

2. Preżentazzjonijiet u diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Unjoni Doganali

Il-Presidenza Belġjana kompliet l-approċċ maqbul flimkien ma' Spanja u l-Ungerija bħala membri tat-Triju. Dan l-approċċ jikkonsisti fir-raggruppament tal-analiżi skont blokk tematiki, li ġew identifikati bħala dawn li ġejjin skont il-kontenut u l-elementi differenti tal-proposti tal-Pakkett ta' Riforma Doganali:

- Proċessi Doganali;
- Kummerċ elettroniku;
- Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE;
- Miżuri restrittivi, ġestjoni tal-kriżijiet, kooperazzjoni, ġestjoni tar-riskju u Awtorità Doganali tal-UE;
- Ksur doganali u dispożizzjonijiet Orizzontali oħra.

Il-Presidenza ddedikat parti kbira mir-riżorsi tal-ħin disponibbli tagħha għall-preżentazzjoni u l-analiżi, bl-appoġġ tekniku tal-Kummissjoni Ewropea, tal-blokok differenti.

Għal dan l-għan, il-Presidenza Belġjana pproċediet kif ġej:

- bħala medja, tliet laqgħat regolari ta' ġurnata fix-xahar tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Unjoni Doganali (Jannar – Frar – Marzu), flimkien ma' laqgħat addizzjonali ta' jumejn minn April (medja ta' sitt laqgħat regolari fix-xahar għal April – Mejju – Ġunju);
- sessjoni ta' informazzjoni informali ta' jumejn f'Jannar dwar il-flussi tax-xogħol marbuta mal-Pakkett ta' Riforma Doganali;
- laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (tassazzjoni indiretta) iddedikata għall-impatt tal-Pakkett ta' Riforma Doganali fuq il-fajls tal-VAT fid-9 ta' Frar 2024;
- Grupp ta' Ħidma tal-Unjoni Doganali għad-Diretturi Ġenerali dwar il-governanza tal-Unjoni Doganali (Awtorità Doganali Ewropea) fid-9 ta' April 2024;
- Seminar ta' Livell Għoli dwar il-kooperazzjoni Doganali għad-Diretturi Ġenerali tad-Dwana mit-22 sal-24 ta' Mejju 2024;
- u Grupp ta' Ħidma informali dwar l-Unjoni Doganali li jippermetti lill-federazzjonijiet Ewropej jippreżentaw il-viżjoni, l-aspettattivi u t-tħassib tagħhom rigward il-pakkett ta' riforma Doganali mid-9 sal-11 ta' Ġunju 2024.

Fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Unjoni Doganali, il-metodu kien jikkonsisti fi preżentazzjonijiet mill-Kummissjoni (DG TAXUD) tal-artikoli segwiti mid-diskussjonijiet, artikolu b'artikolu, tal-proposti leġiżlattivi. Minbarra l-laqgħat, il-Presidenza Belġjana pproċessat ukoll aktar minn 1 100 mistoqsija dettaljata bil-miktub (Q&A) f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni. Dan l-approċċ ta' opportunità wiesgħa lill-Istati Membri biex jesprimu mhux biss l-ewwel pożizzjonijiet, iżda wkoll kummenti, tħassib u dubji dwar il-kontenut tal-proposta, filwaqt li ta' wkoll l-opportunità lill-Kummissjoni biex tispjega u tagħti tweġibiet għal dan it-tħassib inizjali ewlieni u d-dubji preliminari.

Il-Presidenza Belġjana ħadmet fuq l-elementi kostitwenti kollha, bl-eċċezzjoni tal-element kostitwenti tal-kummerċ elettroniku, b'dan tal-aħħar jiġi indirizzat taħt il-Presidenza Spanjola.

L-isforz enormi li sar mill-Presidenza Belġjana ppermetta li titlesta parti sinifikanti tal-analiżi tal-Pakkett ta' Riforma tal-Unjoni Doganali u b'riżultat ta' dan, għadd limitat ta' artikoli ser jingħataw lill-Presidenza Ungeriża li jmiss bil-ħsieb tal-kontinwazzjoni tal-ewwel analiżi.¹

¹ Il-laqgħat li fadal tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Unjoni Doganali ser jiffukaw fuq il-Proċessi Doganali u r-Regoli Orizzontali (24 u 25 ta' Ġunju).

3. Eżiti ewlenin tal-ewwel diskussjonijiet

Matul il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Unjoni Doganali għad-Diretturi Ġenerali, il-Presidenza osservat djalogu kostruttiv fost l-Istati Membri, li wrew l-għarfien tagħhom dwar il-ħtieġa li l-Unjoni Doganali tiġi pprovduta b'qafas legali modern u robust li ser jippermetti lill-awtoritajiet doganali jiproteġu aħjar liċ-ċittadini u lis-suq uniku, b'mod partikolari fir-rigward tal-istabbiliment potenzjali ta' Awtorità Doganali tal-UE u Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE.

Barra minn hekk, l-iskambji enfasizzaw l-importanza li jissaħħu l-kooperazzjoni, il-koordinazzjoni u l-governanza tal-IT fost l-amministrazzjonijiet doganali nazzjonali biex jiġu indirizzati l-isfidi ffaċċjati mill-Unjoni Doganali.

Filwaqt li tosserva l-fehmiet differenti espressi, il-Presidenza Belġjana tinnotta li hemm rikonoxximent ġenerali tal-ħtieġa għal armonizzazzjoni fl-Unjoni Doganali, bl-għan li d-dwana tal-UE taġixxi bħala entità waħda sabiex tilħaq b'suċċess l-isfidi ppreżentati mill-bidliet fl-imgħiba tal-konsumatur u x-xenarju loġistiku l-ġdid. Il-ħolqien ta' Awtorità Doganali tal-UE u Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE, kif propost mill-Kummissjoni, jista' jkun perkors wieħed possibbli biex jintlaħaq dan l-oġġettiv u dawn iż-żewġ faċilitaturi jidhru li huma appoġġati minn għadd sinifikanti ta' Stati Membri. Madankollu, il-kundizzjonijiet, il-kompiti u l-funzjonalitajiet għall-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE jeħtieġ li jiġu esplorati f'aktar dettall filwaqt li r-rwol u l-iskop tal-Awtorità Doganali tal-UE għadhom qed jiġu evalwati mill-Istati Membri.

F'dan ir-rigward, il-Presidenza Belġjana nnutat it-tħassib imqajjem minn xi Stati Membri rigward il-ħtieġa li jittieħed kont debitu ta' ċerti kompetenzi nazzjonali. Il-Presidenza tirrikonoxxi wkoll l-appell għat-tisħiħ tar-rwol tal-Istati Membri fil-governanza potenzjali tal-Awtorità Doganali tal-UE u l-importanza li din l-Awtorità tkun għas-servizz tal-Istati Membri. Meta tħares 'il quddiem, il-Presidenza Belġjana temmen li jkun ta' benefiċċju li jitkomplew id-diskussjonijiet tekniċi fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Unjoni Doganali. Dan ser jippermetti valutazzjoni bir-reqqa tal-implikazzjonijiet prattiċi u l-benefiċċji potenzjali tal-istabbiliment ta' Awtorità Doganali tal-UE u Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE, filwaqt li jitqiesu l-fehmiet tal-Istati Membri kollha. Il-Presidenza Belġjana tinnota wkoll li xi suġġetti jeħtieġ li jiġu diskussi fi Gruppi ta' Ħidma oħra, fost l-oħrajn, fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa u fil-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riżorsi Proprji.

Il-Presidenza Belġjana kkontribwiet b'mod bilanċjat għad-diskussjonijiet tekniċi dwar il-Pakkett ta' Riforma Doganali fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Unjoni Doganali, għamlet progress sinifikanti fid-diskussjonijiet u tibqa' impenjata li tkompli għaddejja b'dawn l-isforzi matul l-istadji tal-għeluq. Il-Presidenza Belġjana hija kunfidenti li tafda lill-Presidenza Ungeriża li jmiss bil-passi li jmiss tad-diskussjonijiet li jibnu fuq id-djalogu kostruttiv osservat.

Għal finijiet ta' informazzjoni, il-Presidenza Belġjana tipprovdi fl-Anness is-sitwazzjoni attwali tal-artikoli matul il-Presidenza Spanjola u dik Belġjana, fil-forma ta' lista kif ukoll viżwal (jj 4.6.24).

Anness 1 Pakkett ta' Riforma tal-Unjoni Doganali – L-ewwel analiżi fis-CUWP (status tal-kapitolu fl-4 ta' Ġunju 2024)

Status	Titolu	Isem il-kapitolu	Total ta' artikoli	Artikoli magħmula
Magħmul	I Dispożizzjonijiet ġenerali	Deċiżjonijiet Doganali	13	13
	II Obbligi u drittijiet	Reġistrazzjoni	1	1
		Importatur u importatur preżunt	2	2
		Esportatur	1	1
		AEO u Fiduċja u Verifika	4	4
		Rappreżentanza doganali	2	2
	IV Superviżjoni doganali, kontrolli u ġestjoni tar-riskju	Superviżjoni doganali	2	2
		Kontrolli doganali	7	7
		Ġestjoni tar-riskju doganali	6	6
	V Tqegħid ta' merkanzija taħt proċedura doganali	Status doganali tal-merkanzija	3	3
		Tqegħid u rilaxx	4	4
		Dispożizzjonijiet tranżizzjonali	12	12
		Disponiment ta' merkanzija	4	4
	VI Merkanzija mdaħħla fit-territorju doganali	Informazzjoni bil-quddiem dwar il-merkanzija	9	9
		Rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera	2	2
		Eżenzjoni mid-dazju fuq l-importazzjoni	4	4

VII Merkanzija maħruġa mit-territorju doganali	Ħruġ ta' merkanzija u proċedura ta' esportazzjoni	7	7
VIII Proċeduri speċjali	Dispożizzjonijiet Ġenerali	9	9
	Tranżitu	8	8
	Użu Speċifiku	4	4
	Ħażna	14	14
XI Miżuri restrittivi u mmaniġġjar tal-kriżijiet	Miżuri restrittivi	2	2
	Mekkaniżmu għall-immaniġġjar tal-kriżijiet	2	2
XII L-Awtorità Doganali tal-UE	Prinċipji	3	3
	Kompiti	3	3
	Organizzazzjoni tal-Awtorità Doganali tal-UE	11	11
	Stabbiliment u struttura tal-baġit tal-Awtorità Doganali	7	7
	Dispożizzjonijiet dwar il-persunal	3	3
	Dispożizzjonijiet ġenerali u finali	7	7
XIII Kooperazzjoni doganali	Kooperazzjoni doganali	6	6
XIV Ksur u sanzjonijiet mhux kriminali	Dispożizzjonijiet Ġenerali	7	7
	Ksur doganali u sanzjonijiet mhux kriminali	3	3
XV Dispożizzjonijiet finali	Kejl tal-prestazzjoni	2	2
Trattament tariffarju simplifikat u eżenzjoni mid-dazju doganali	Trattament tariffarju simplifikat u eżenzjoni mid-dazju doganali	3	3

Ma nbediex	IX Klassifikazzjoni tariffarja, oriġini u valur	Tariffa Doganali Komuni u klassifikazzjoni tariffarja	2	0	
		Oriġini tal-merkanzija	5	0	
		Valur tal-merkanzija għal skopijiet doganali	7	0	
	X Djun doganali u garanziji	Tigrib ta' dejn doganali	11	0	
		Garanzija għal dejn doganali	10	0	
		Rkupru, pagament, ripagament u remissjoni	19	0	
		L-estinzjoni ta' dejn doganali	2	0	
	XV Dispożizzjonijiet finali	Monitoraġġ, evalwazzjoni u rapportar	2	0	
		Konverżjoni monetarja u limiti ta' żmien	2	0	
		Delega tas-setgħa u l- proċedura ta' kumitat	2	0	
		Dispożizzjonijiet finali	3	0	
	Għadu għaddej	I Dispożizzjonijiet ġenerali	Kamp ta' applikazzjoni u missjoni	4	2
			Definizzjonijiet	1	0
		III Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE	Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE	12	5
		VIII Proċeduri speċjali	Proċessar	9	4

- Done
- Not started
- Ongoing

